**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 1 ta' Frar 2022**

**Rikors nru: 246/2021 AGV ;**

**Direttorat ghall-Kura Alternattiva (Tfal u Zghazagh) bhala kuratrici ad litem ghal minuri ABC**

Vs

**DC (ID nru:255981M);**
**EB (ID nru:140867M);**
**Direttur tar-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti rat ir-rikors tad-Direttorat Kura Alternattiva (Tfal u Zghazagh), datata 8 ta' Ottubru 2021 fejn espona bir-rispett ;**

1. Illi l-minuri ABC twieded fid- 19 ta' Gunju 2005, kopja ta' certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi fis- 7 ta' Frar 2006, harget ordni ghall-harsien tal-minuri ABC minhabba li omm il-minuri, is-Sa. DC kellha storja twila ta' abbuz mid-droga u dak iz-zmien kien qed jigi ossevrat in-nuqqas ta' koperazzjoni mil-omm mal-professjonisti specjalment mal-professonisti fi Hdan, l-Agenzija Sedqa. Kien gie nnutat ukoll nuqqas ta' stabbilita' u ambjent koatiku fil-hajja tal-omm u nuqqas ta' preparazzjoni ghat-tarbija tant li meta twieled il-minuri, il-haddiema tal-Isptar kellhom iduru fuq il-haddiema socjali ghall-bzonnijiet tat-tarbija. Kopja tad-dokument tal-ordni tal-harsien tinsab annessa, u mmarkata bhal Dok. B ;
3. Illi ghalhekk il-minuri ilu hajtu kollha f' kura alterattiva. Kopja ta' pjan tal-harsien tal-minuri, tinsab annessa, mmarkata Dok. C ;
4. Illi fuq ic-certifikat tat-twelid, il-minuri Keiron , l-intimat Jesmond Zarb mnizzel bhala il-missier, b' hekk il-minuri ha l-kunjom tal-intimat u tal-omm ukoll, u b' hekk ilu hajtu kollha sal-prezent, maghruf bhala Zarb D' Amato ;
5. Illi madankollu, f' Awwissu tas-sena 2019, sar test genetiku, sabiex il-minuri jkun jaf il-parantela tieghu bic-cert, u rrizulta EB mhux fil-fatt mhux il-missier bijolgiku tal-minuri. Kopja tar-rizultat genetiku tinsab annessa , mmarkata Dok. D;
6. Illi l-intimata omm baqghet tirrifjuta dal- fatt u baqghet filfatt tghid li l-Intimat Zarb huwa missier bijologiku tal-minuri, u ghalhekk il-minuri mhux f' posizzjoni li jkun jaf verament min hu missier bijologiku tieghu ;
7. Illi llum il-gurnata, l-minuri A accetta dal-fatt u ma jhossx li dan b' xi mof jaffettwa l-identita' tieghu, manadankollu l-minuri, baqa' jesprimi x-

xewqa tieghu li ma jibqax maghruf bil-kunjom B , izda jigi AC. Kopja tad-dikjarazzjoni tal-minuri dwar ix-xewwa tieghu, li jibdel il-kunjom tieghu, tinsab hawn annessa , mmarkata Dok. E ;

8. Illi ghalhekk ir-raguni ghal dil-kawza hija sabiex jigi emendat ic-certfikat tat-twwlid, tal-minuri, ABC, sabiex jirrfletti ir-rejalta’ tal-istess minuri.

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost id-Direttorat esponenti in rapprezentanza tal-minuri A, jitlob bir-rispett lil din l-Onroabbli Qorti sabiex joghgobha ;

1. Tiddikjara li l-minuri ABC, mhux il-wild naturali tal-intimat EB , u dan ai termini tal-Artiklu 70 A (1)(c) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta.
2. Tordna lil-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid, tal-imsemmi minuri, id-dettalji kollha relattivi tal-intimat EB u minflok fil-kolonna , li tirraprezenta lil missier, jitnizzlu ‘ Missier mhux Maghruf’, jew ‘ unknown Father’.
3. Tordna lil-intimat Direttur Registru Pubbliku, ibiddel il-kunjom tal-minuri A minn dak prezenti u cjoe’ BC, ghal C u dan ai termini tal-Artikolu 70 (8) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dil-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni li timponi fic-cirkostanzi prezenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimati inguti minn issa in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tar-Registru Pubbliku datata 26 ta’ Novembru 2021 fejn ddikjaraw dan li gej;

1. Illi in vena preliminari, huwa essenzjali ghal-integrita' tal-gudizzju li r-rikorrenti jitlob il-korrezzjoni fl-okkju tal-kawza, istanti ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Ligjiet ta' Malta, sabiex kull fejn jidher il-kunjom C jigi sostitwit bil-kunjom C1, u dan stante li l-kunjom jappartjeni lill-minuri A u lil ommu D skont l-att tal-Istat Civili, rispettivi taghhom huwa C1 u mhux C kif ddikjarat mir-rikorrenti, fl-okkju tal-kawza;
2. Illi fil-mertu b' referenza partikolari ghal-patenrita' in kwistjoni, tal-minuri, l-esponenti mhux edott mill-fatti li gew dikjarati mir-rikorrenti. U ghaldaqstant, qed jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi processwali u ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti ;
3. Illi mid-dokumenti annessi mar-rikors promutur, jidher li diga' sar test tad-DNA, li jikkonfrema li l-konvenut EB mhux il-missier bijologiku tal-minuri A . Ghal tali test l-esponent ma jsib ebda oggezzjoni, salv pero' li jkun mahluf mil-professjonisti illi wettquh ;
4. Illi kemm-il darba jintlaqghu it-talbiet attrici, id-direttur intimat jista jigi ordnat jbiddel il-kunjom ' BC ' ghal C1 , stante li mil-att tat-twelid, tal-omm D u tal-minuri A, jirrizulta l- kunjom C 1, u mhux C. Il-kunjom C1, jidher ukoll il-karta tal-identita' tal-omm innumerata 255981 M, u fuq il-karta tal-identita' tal-minuri, innumerata 195205L. Ghaldaqstant, l-esponenti huwa tal-umli fehma, li r-rikorrenti ghandu jitlob li ssir id-debita korrezzjoni , fit-tielet talba tieghu, sabiex kull fejn jidher il-kunjom C jigi sostitwit bil- kunjom C1 ;
5. Illi finalment u minghajr pregudizzju ghas-surreferit, l-esponenti jirrimetti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhux attrwibiwbbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti, u ghalhekk huwa m' ghandux jigi assoggettat ghal ispejjez tal-kawza istanti ;
6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

**Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qed jigi ingunt minn issa in subizzjoni**.

Il-Qorti rat ir-rikors pprezentat seduta stante waqt is-seduta tat-Tlieta 1 ta' Frar 2022, tad-Direttorat Kura Alternattiva ( Tfal u Zghazagh ), fejn espona bir-rispett;

1. Illi d-Direttorat intavola rikors promutur fejn permezz tieghu ressaq it-tabliet sabiex din l-Onorabbli Qorti, tistabilixxi l-parentela tal-minuri A u tordna d-debita korrezzjoni fic-certifikat tat-twelid, tal-istess minuri ;
2. Illi waqt l-ewwel seduta l-intimat, Direttur tar-Registru Pubbliku, ssoleva li fl-atti u fid-dokumenti annessi jidhru zewg verzjonijiet tal-kunjom li id-Direttorat qed jitlob li l-minuri jiehu ;
3. Illi d-direttorat esponenti jaqbel li l-minuri ghandu jiehu l-kunjom kif inhu miktub fuq ic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri u semai, sussegwentament, jintavola l-proceduri relattivi rigward il-kunjom kif juzah il-minuri ;
4. Illi ghalaqstant, id-direttorat esponenti qed jintavola r-rikors odjern sabiex jitlob il-korrezzjoni fil-kunjom kif jidher fir-rikors odjern ;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, id-Direttorat esponenti jitlob umilment lil dina Onorabbli Qorti joghgobha ;

1. Tawtorizza u tordna l-korrezzjoni fir-rikors promotur, ai termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex b'hekk kull fejn hemm referenza ghal kunjom ' BC, tigi sostitwita bil-kliem ' BC1'.
2. Tawtorizza u tordna l-korrezzjoni fit-tielet talba kif dedotta fir-rikors promutur, at termini tal-Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Ligjiet ta' Malta,

sabiex tigi taqra’ li l-minuri Keiron , ghandu jassumi l-kunjom Damato , ai termini  tal-artikolu 70 (8) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta.

U dan taht dawk il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti, jidhrilha xierqa u opportuni, li timponi fic-cirkostanzi.

Rat li t-talba giet milqugha, u ghalhekk saru l-korrezzjonijiet mitluba.

Rat li fis-seduti precedenti, deheru l-konvenuti DC u  EB  li ddikjaraw li qed jaqblu mat-talbiet tar-rikorrenti, u ghalhekk ma kellhomx oggezzjoni ghall-istess, u talbu lill-Qorti biex ma jehlu ebda spejjez.

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa’ t-talbiet attrici.

1. Tiddikjara li l-minuri AB C mhux il-wild naturali tal-intimat  EB, u dan ai termini tal-Artiklu 70 A (1)(c) tal-Kap 16 tal-Ligjiet ta’ Malta.
2. Tordna lil-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid, tal-imsemmi minuri, id-dettalji kollha relattivi tal-intimat EB u minflok fil-kolonna li tirraprezenta lil missier, jitnizzlu ‘ Missier mhux Maghruf’, jew ‘ unknown Father’.
3. Tordna lil-intimat Direttur Registru Pubbliku, ibiddel il-kunjom tal-minuri A minn dak prezenti u cjoe’  BC, ghal C1 u dan ai termini tal-Artikolu  70 (8) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

L-ispejjez ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Imhallef** **Cettina Gauci- Dep Reg**

**Anthony G Vella**